# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 10 ta' Jannar, 2001.**

**Numru 3**

**Citaz. Nru. 2494/00GV**

**Charles Electrical Instruments Ltd.**

**vs**

**Medcast Foundry Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta nkarigat lis-socjeta' attrici tezegwixxi diversi xogholijiet u tissuplixxi l-materjal necessarju f'Binja Vilhena, Floriana;

Premess illi s-socjeta' attrici esegwit fl-intier u kkompletat fl-intier tieghu l-appalt lilha moghti;

Premess illi llum is-socjeta' konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta' attrici ghas-somma ta' sebghat elef lira Maltin (Lm7,000) bilanc minn somma akbar versu l-import ta' zewg kambjali mhux imhallsa u li skadew fis-sittax ta' Gunju, tas-sena elfejn (16/06/2000) u wiehed u tletin ta' Mejju tas-sena elfejn (31/05/2000) skond kif murija fuq zewg prospetti u mmarkati Dokument CE11 u Dokument CE12;

Premess illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas dan id-debitu din baqghet inadempjenti;

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-artikoli 167 et seq. tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, billi dan id-dejn huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta m'ghandha ebda eccezzjonijiet xi tressaq ghall-hlas ta' dan id-debitu;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti bid-dispensa tas-smiegjh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' (Lm7,000) bilanc minn somma akbar versu l-import ta' zewg kambjali mhux imhallsa u li skadew fis-sittax ta' Gunju, tas-sena elfejn (16/06/2000) u wiehed u tletin ta' Mejju tas-sena elfejn (31/05/2000) skond kif murija fuq zewg prospetti u mmarkati Dokument CE11 u Dokument CE12;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 4002/00, ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Settembru, 2000 u ta' l-ittri bonarji tal-11 ta' Awissu, 2000 u tat-28 ta' Awissu, 2000, u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tidher u tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Charles Mizzi;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**